# Il-Qrendi u l-Attrazzjonijiet Tiegħu

minn Martin Formosa

Ir-raħal tal-Qrendi huwa wieħed mill-aktar irħula mogħni b'attrazzjonijiet uniċi u ta' importanza mondjali. Dan jixhdu l-fatt li ż-żewġ tempji li jinsabu fl-akwati tiegħu ġew ikklassifikati bħala wirt dinji. Kieku wieħed kellu jkun fil-kumpanija ta' gwida li jaf il-post sew żgur li ġurnata ma kinitx tkun biżżejjed sabiex idur u jisma' l-informazzjoni u l-istorja marbuta mas-siti storiċi u arkeoloġiċi li wieħed isib f'raħal twelidi.

Huwa veru li għandna biex inħossuna kburin li twelidna f'dan ir-raħal kwiet, pjuttost imwarrab u li għalkemm imwarrab mill-ħamba ta' l-ibliet imma mhux lanqas imfittex mit-turisti li jiġu jżuru pajjiżna. Għalkemm meta niġu sabiex nikkompetu ma' rħula u bliet oħrajn f'dak li hu kummerċ, ħwienet u negozju r-raħal tagħna jiġi minn ta' l-aħħar u ħafna drabi niġu mwarrba u maqbuża, żgur u mhux lanqas meta tiġi sabiex telenka l-attrazzjonijiet tiegħu trid toqgħod ferm attent li ma tinsa xejn mil-lista pjuttost twila.

## Ħaġar Qim

Dan it-tempju ta' importanza dinjija ra d-dawl mill-ġdid fl-1839. Dan it-tempju kien mirdum taħt borġ ġebel u bis-saħħa ta' J.C. Vance tar-Royal Engineers (tinstab triq ma' ġenb tal-Knisja Parrokkjali msemmija għal dan il-persunaġġ) u bl-ispejjeż maħruġa mill-Gvern, dan ġie skavat. Wara fl-1885 reġa' sar xogħol ieħor ta' skavar minn Dr. A. A. Caruana u mbagħad wara fl-1909 kien sar studju xjentifiku fuq fdalijiet li ġew imwarrba fl-ewwel skavi.

Dan it-tempju hu meqjus li hu aktar antik mill-piramidi ta' l-Eġittu u l-bini fi ftit kliem jikkonsisti f'ġebel kbir tal-franka li jifforma faċċata pjuttost twila u malli tidħol issib kmamar tondi li tidħol għalihom minn ġo bieb maqtugħ ġo ġebla waħda. F'dawn il-kmamar jinsabu diversi altari u ta' min jgħid li ħafna mill-fdalijiet



l-aktar importanti ġew meħuda l-Mużew Nazzjonali fosthom statwi u altari.

## Mnajdra

Minn passaġġ li jieħdok madwar 500 metru l-bogħod minn Ħaġar Qim jinsab tempju ieħor ta' importanza straordinarja. Dan huwa ffurmat minn tliet tempji, wieħed żgħir fuq il-lemin, ieħor fin-nofs meqjus bħala l-aktar riċenti, u l-aktar qrib lejn il-baħar hemm tempju ieħor li għandu rabta kbira ma' l-istaġuni. Dawn it-tempji ġew skavati minn C. Lenormant fl-1840. Biss fl-1910 T. Ashby kompla jiskava l-partijiet l-oħra. Dan



ix-xogħol tkompla bejn 1952 u l-1954. Huwa aċċettat li dan it-tempju nbena bejn 3600-2500 qabel Kristu. Għalkemm fih l-istess karatteristiċi ta' Ħaġar Qim huwa ġie mibni biż-żonqor fuq barra u bil-franka minn ġewwa. Fih wieħed jista jara eżempju ċar ta' kif kienu jiġu msaqqfa permezz ta' koppli dawn l-istrutturi uniċi. Hija ħasra kbira li dan l-aħħar dan il-post ġie vandalizzat u dan l-għemil ġibed l-istmerrija ta' kulħadd.

## Bjar tal-Misqa

Madwar 200 metru 'l fuq mit-tempju ta' l-Imnajdra jinsabu bjar kbar li ġew imħaffra fl-istess żminijiet li nbnew it-tempji tal-madwar. Huma jixxiebħu ħafna mal-fdalijiet ta' Ħal Tarxien. Billi dawn kienu ġew imnaddfa diversi drabi ma setgħux jiġu stabbiliti dati tal-qedem tagħhom b'mod xjentifiku.

## Torri tal-Gran Mastru De Redin

Il-Gran Mastru Martino de Redin twieled fis-17 ta' Awissu 1657 u miet fis-6 ta' Frar 1660. Huwa kien il-85 Gran Mastru ta' l-Ordni ta' San Ġwann. Huwa nħatar wara l-Gran Mastru Lascaris u kull ma dam fil-ħatra

kien 3 snin iżda l-gżejjer Maltin gawdew bis-sħiħ għaliex waqqaf armata ta' 4,000 suldat u bena numru ta' torrijiet tas-sorveljanza u għammarhom b'suldati Maltin. Fl-akkwati tal-Qrendi huwa bena t-torri magħruf bħala ta' Lsejjen. Dan bħalissa qiegħed jiġi rrestawrat minħabba ħsarat li saru mill-elementi u mill-vandali.

## Il-Menħir ta' Misraħ is-Sinjura

Fit-triq li mill-Qrendi tieħdok lejn is-Siġġiewi jinsab menħir li kien wieħed mill-aħjar tal-gżira u li hu magħruf bħala Ta' Misraħ is-Sinjura. Dan ġie nkorporat f'bini ta' dwejra u hu mdawwar bil-barrieri.



## Il-Maqluba

Taħt il-Knisja ta' San Mattew tinsab ħofra naturali li hija madwar 60 metru wiesa' u xi 30 fonda. Din probabli saret għaliex is-saffi tal-blat magħruf tas-sekonda li kien taħt l-art ġew mikula mill-ilma li kien jiskula minn qiegħan fil-blat ġo Wied Babu. Hemm leġġendi marbuta ma' dan il-post uniku. F'dan il-post tikber is-siġra tal-Għarar

## Il-Knisja Parrokkjali

Il-bini tal-Knisja Parrokkjali nbeda fl-1620 u tlestiet mill-istess Kappillan Giomaria Camilleri fl-1665. Iżda din reġgħet inħattet u fl-1685 inbeda l-bini ta' knisja akbar. Internament il-knisja preżenti hija mibnija fuq l-ordni kompost u fuq disinn ta' Lorenzo Gafà. Għandha forma ta' salib u għandha zuntier bil-balovostrar li ġie rinovat fi żmien il-Kappillan Dun Karm Attard. Fiha jinsabu diversi opri li saru matul is-snin. Biss kien f'dawn l-aħħar 50 sena li sar xogħol kbir ta' pavimentar, ħidma ta' Dun Mattew Magro, induratura u l-pittura tas-saqaf li hi xogħol il-pittur Pawlu Camilleri Cauchi u li saret fi żmien il-Kappillan Dun Karm Attard. Din il-Knisja hija ddedikata lill-Assunta u jsiru diversi festi oħrajn matul is-sena. Il-Kwadru Titulari huwa xogħol ta' Giuseppe Calì (1846-1930).

## Il-Kappelli

**a) Tal-Ħniena**

Din kienet magħrufa bħala *la Chisa della Misericordia* u nbniet fis-seklu 13. Kienet tifforma parti mir-raħal ta' Ħal Lew u kienet magħrufa ħafna mas-sajjieda u l-baħħara li ta' spiss kienu jagħmlu wegħdi mal-Madonna meta jinqabdu f'xi maltempata. Il-festa għada tiġi ċċelebrata fit-tieni Ħadd ta' Settembru.

**b) Tas-Salvatur**

Din il-knisja nbniet fl-1658 minn flok knisja oħra u għandha z-zuntier. Ġiet restawrata dan l-aħħar kemm minn barra u anke minn ġewwa u qed tkun miftuħa kuljum fejn fiha ssir adorazzjoni tas-Santissmu Sagrament. Fiha hemm gallerija għall-orgni u l-kor.

**c) Ta' Sant'Anna**

Din kienet inbniet bħala wegħda minn Giovanni Schembri fl-Assedju. Fil-fatt din inbiet fl-1565. Kienet ġiet restawrata mill-Kappillan Antonio Mizzi fl-1796 u reġgħet ġiet restawrata mill-Kappillan Fr. R. Toledo dan l-aħħar.

**d) Ta' San Mattew**

Din hija kappella magħrufa sew u hija proprjament żewġ kappelli, waħda żgħira u l-oħra mibnija pjuttost riċentament wara xi tiġrif. Is-saqaf tal-kappella ż-żgħira huwa uniku u juri l-antikità tagħha. L-oħra nbniet fl-1674 u fiha hemm pittura li hi ta' l-iskola ta' Mattia Preti. Fis-seklu l-ieħor żdiedu l-kampnari mill-bennej Grazio Falzon. Ġiet ukoll restawrata dan l-aħħar mill-Kappillan Fr. R. Toledo u fiha jsiru diversi funzjonijiet. Il-festa tiġi ċċelebrata fl-aħħar Ħadd ta' Settembru. Hemm dokumenti li juru li f'dawn l-akwati l-festa kienet tiġi ċċelebrata bil-kbir u hemm anke inċiżjonijiet fil-Biblijoteka li jixhdu dan. Il-fiera tal-festa teħodna lura sa qabel l-1664.

**e) Ta' Santa Katarina**

Din il-kappella nbniet fl-1676 u jingħad li flokha kien hemm knisja oħra magħrufa bħala Ta' Bieb taż-Żejtuna. Hemm legati marbuta ma' din il-knisja li jġibu l-annu 1625. Hemm kwadru ta' l-istess qaddisa.

**f) Tal-Grazzja**

Din kienet magħrufa bħala tal-Vitorja u nbniet fl-1658. Mhix użata fil-preżent u din kienet ġiet irrestawrata wara li ġarrbet xi ħsarat. Hemm bżonn li terġa' tiġi rrestawrata.

## Bajjiet u daħliet mal-Kosta

It-territorju tal-Qrendi għandu kosta pjuttost twila u fiha jinsabu diversi daħliet ġeblija u bit-tafal u wħud minnhom huma aċċessibbli u mfittxija minn dawk li jħobbu l-ambjent naturali bla mittiefes. Dawn il-bajjiet jinsabu fuq il-pjanura li wieħed isib meta jinżel ma' l-irdum li hemm taħt it-tempji ta' l-Imnajdra. Kull rokna u daħla għandha isem u dawn ġieli jvarjaw fuq il-mapep li ġew imħażża. Jekk wieħed jibda min-naħa ta' Għar Lapsi u jersaq lejn Wied iż-Żurrieq isib dawn li ġejjin: Il-Wied tal-Magħlaq, Ħalq is-Sigar, Ilsejjen, Il-Ponot ta' Lsejjen, in-Niffied il-Kbir, in-Niffied iż-Żgħir, Denb il-Bagħla, is-Solf, Għar Ħaxixa, Ħalq it-Tafal, ta' Bexxiexa, Maqlubet il-Baħar, Ras il-Bajjada u Wied iż-Żurrieq li minnu tmur bid-dgħajsa taħt il-Ħnejja (Blue



Grotto). F'dawn l-akkwati ġraw diversi traġedji marbuta mal-baħar għaliex il-post huwa pjuttost salvaġġ u perikoluż l-aktar għal dawk li ma jafux il-mogħodijiet. Sintendi l-aktar post frekwentat huwa Wied iż-Żurrieq li minkejja ismu dan jagħmel mat-territorju tal-Qrendi kemm bħala parroċċa u anke bħala Kunsill Lokali. Fih hemm attrazzjoni kbira għat-turisti u naħseb li m'hawn ħadd li qatt ma sema' bil-"Blue Grotto".



## Wied Ħoxt

Dan huwa wieħed mill-isbaħ widien. L-ilma li jaqleb għal ġo fih jinġabar mill-akkwati ta' Ħaġar Qim, il-Qasam il-Kbir, il-Ħofra, iż-Żellieqat, u Dahar ix-Xagħra. Jinqasam fi tnejn, parti lejn Ħaġar Qim u l-oħra lejn iż-Żellieqat. Fis-snin 60 kien se jiġi żviluppat l-ġenb magħruf bħala x-Xagħra ta' Smith iżda dan kollu ma kienx seħħ.

## Bini Importanti

### a) Il-Palazz ta' Balì Guarena

Dan il-Palazz kien ġie mibni mill-Balliju de Guarena li kien irregala l-kanċell tal-fidda li hemm fil-Kon Katidral ta' San Ġwann. Fil-gwerra serva ta' post li fih kienu jinżammu s-suldati u wara kien ir-residenza ta' diversi nies distinti, fosthom tad-Dama Cecilia Pick li kienet omm il-President Onorarju ta' din is-Soċjetà, Edward St. George. Hemm triq imsemmija għal dan il-Balliju.

### b) Il-Palazz Wofgang Guttenberg

Dan il-palazz jinsab fil-misraħ tal-Madonna tal-Ħniena u kien mibni forma ta' torri minħabba l-ħbit tal-furbani. Il-Balliju Guttenberg ikkomissjona diversi pittura *ex voto* li tinsab fis-Santwarju tal-ħniena. Hemm triq imsemmija għal dan il-persunaġġ.

### c) Palazzo de Piro

Dan qiegħed qrib il-Knisja tas-Salvatur u kien jintuża mis-suldati fit-tieni gwerra dinjija bħala *Headquarters*. fih kienu joqogħdu t-tobba tal-Gvern.

### d) Il-Palazz ta' Gana

Dan kien il-palazz tal-familja nobbli magħrufa bħala ta' Gana li kellhom ħafna proprjetà f'dawn l-inħawi. Fil-fatt dan kien magħruf bħala l-*Feudo Grande* li forsi minnu ħareġ l-isem ta' Casal Grande u li setà ġie transformat fil-kelma Qrendi. Dan il-palazz kbir kien fejn illum hemm Pjazza Rokku Buhagiar u li ħafna minnu twaqqa' fis-sena 1964 sabiex ikun hemm aktar ftuħ fiċ-ċentru tar-raħal. Baqa' minnu xi partijiet u li jagħtu għal Triq il-Kbira u Triq il-Knisja. Fil-preżent is-Soċjetà Mużikali Santa Marija Qrendi qed tibni s-sede tagħha fuq parti mill-art li nxtrat u li kienet tifforma parti mill-ġnien ta' dan il-palazz.

### e) Torri Ottangonali Ellul Preziosi

Dan huwa torri uniku minħabba l-forma ottangolari li għandu. Madwaru hemm diversi *drop boxes* li minnhom kien jitwaddab xi likwidi jaħarqu fuq min kien jersaq sabiex jattakka lil dan it-torri. Ta' l-istess stil huwa l-bini li jinsab fin-Naxxar qabel kif inhi magħrufa, in-niżla ta'Alla u Ommu u li fih kulurin oħxon li jaqta' bejn sular u ieħor. Ħasra li dan il-wirt storiku ġie rovinat b'apparat tad-dawl ġol-ġenb tiegħu. Din hija wirja ta' kemm ma nistmawx il-patrimonju li writna mingħand missirijietna. Hemm triq imsemmija għal dan it-torri.

Jeżistu diversi fdalijiet oħrajn fl-akwati tal-Qrendi u li ż-żmien u l-attività tal-bniedem qerdet kull traċċa tagħhom. Fost dawn jissemmew l-irħula ta' Ħal Manin u Ħal Lew, il-Kappella ta' Santa Luċija fl-inħawi tal-Palazz tal-Guarena, u oħra li kienet mibnija fi Pjazza San Mattew u kienet tifforma parti minn dar privata. Dan it-tagħrif fil-qosor juri bis-sħiħ kemm hu kbir il-patrimonju kulturali ta' dan ir-raħal u x'obbligu għandna li nibżgħu għalih sabiex nippreservawh u ngħadduh lil ta' warajna bħala storja ħajja u xhieda li ċ-ċiviltà f'dawn il-gżejjer bdiet u għadha titkattar fir-raħal maħbub tagħna.

